MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 222/2013/1

**Sonia Ciappara**

**v.**

**John Mary Ciappara**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fid-29 ta' April 2013 li permezz tieghu ippremettiet:

> "Illi hija zzewget mal-intimat fil-knisja ta' San Bastjan, Qormi, fit-8 ta' Settembru 1992 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, cjoe` Brendon Lee li ghandu 19 il-sena u Shanice li ghandha 17 il-sena. (Dok. A);
>
> "Illi l-esponenti ilhom snin separati *de* facto mit-22 ta' Dicembru 1998 u permezz ta' sentenza tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja tal-24 ta' Frar 2010 giet pronunzjata s-separazzjoni personali (Dok. B);
>
> "Illi l-partijiet huma domiciljati Malta u fis-sentenza fuq citata hemm provvedimenti xierqa u opportuni dwar il-manteniment;
>
> "Illi ma hemm ebda possibilta` ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
>
> "Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna illi wara li jghaddi zmien utli skond il-ligi, li kopja tad-digriet relattiv jigi komunikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jigi debitament registrat skond il-ligi;
>
> "Bl-ispejjez;"

Rat ir-risposta tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

> "**I. Eccezzjonijiet w Oggezzjonijiet**

"1. Illi, *in linea preliminari,* in-nullita' tar-Rikors ta' Sonia Ciappara a bazi ta' Artiklu 156 sub-artiklu 1 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sub-inciz (d) fejn hemm indikat x' ghandu jkun hemm stampat f' kull Rikors Guramentat b' ittri cari u precizi taht l-intestatura tal-Qorti u hemm il-kliem li ghandu jigi pprecizat.

"2. Illi l-Artiklu 156 sub-artiklu 1, sub-inciz (c) jispecifika wkoll li t-talba jew it-talbiet ghandhom ikunu enumerati.

"3. Illi jirrizulta manifestament li fir-Rikorsipprezentat minn Sonia Ciappara nhar id-29 ta' April, 2013, ma giex onorat dan il-vot tal-Ligi kif huwa obbligatorja a bazi ta' Artiklu 156 sub-artiklu 1 u sub-incizi (c) u (d) u dana jirrendi r-Rikors ta' Sonia Ciappara bhala wiehed null w invalidu, ineffettiv u mhux enforzabbli skond il-Ligi.

"4. Illi *strettament minghajr pregudizzju* ghall-eccezzjoni *in linea preliminari* hawn suesposta, iz-zewg talbiet mhux enumerati tar-Rikorrenti / Attrici m'ghandhomx jigu milqugha u dan il ghaliex l-obbligi naxxenti mis-Sentenza ta' l-24 ta' Frar, 2010, moghtija minn din il-Qorti ppreseduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri, Citazzjoni Numru 948/99 - NC, kawza fil-lista Numru 30, fl-ismijiet ***"John Mary Ciappara -vs- Sonia Ciappara Debattista"*** ma gewx bl-ebda mod onorati u din hija r-raguni ghala minkejja l-fatt li r-Rikorrenti / Attrici qeghda tindika li hi ilha mifruda de facto minn zewgha mit-22 ta' Dicembru, ta' l-1998, anke jekk il-proceduri ghad-divorzju gew fis-sehh mill-1 ta' Ottubru, tas-sena 2011, m' ghamlitx dawn il-proceduri qabel Sonia Ciappara biex proprju tistenna l-izghar miz-zewgt itfal li ghandha mill-Intimat / Konvenut li jkunu maggorenni billi Shanice Ciappara taghlaq tmintax-il sena fit-23 ta' Gunju u ghaldaqstant meta din il-Kawza giet appuntata ghal nhar l-Erbgha, 5 ta' Gunju, 2013, din it-tfajla tkun qeghda fuq l-ghatba ta' l-eta' ta' tmintax-il sena.

"5. Illi r-Rikorrenti / Attrici ghogobha tesebixxi d-Dokument B li huwa kopja ta' Sentenza li pero' l-ewwel u qabel kollox din il-Qorti ghandha tassigura li jkollha kopja legali ta' din is-Sentenza u fejn fis-Sentenza ta' l-24 ta' Frar tas-sena 2010, din il-Qorti diversament ippreseduta taht diversi sub-titoli elenkat l-obbligi li kellha tonora r-Rikorrenti / Attrici fosthom manteniment ghaz-zewgt itfal li llum naturalment t-tnejn li huma maggorenni pero' l-kbir perezempju Brandon Lee Ciappara li vera ghandu dsatax-il sena imma ghadu qed ikompli kors ta' studju u la lil Brandon Lee li llum ghandu dsatax-il sena u lanqas lil Shanice Ciappara li ghal dawn l-ahhar sentejn marret tghix ma' ommha (u minn dak iz-zmien qatt ma regghet kellmet iktar lil missierha li ha hsiebha ghall-ewwel sittax-il sena ta' hajjitha) qatt ma vversat manteniment lill-Intimat / Konvenut li dawn huma dovuti lill-Intimat / Konvenut billi anke diversi Komunikazzjonijiet inkluz ittri Ufficjali ntbghatu lill-istess Rikorrenti / Attrici biex thallas u minkejja li giet notifikata qatt ma onorat dan l-obbligu r-

Rikorrenti / Attrici Sonia Ciappara sive Sonia Ciappara Debattista.

“6. Illi l-Artiklu 66B tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jaghmilha cara li l-manteniment ordnat mill-Qorti b’ Sentenza ta’ separazzjoni kif inhuwa l-kaz odjern ghandu jigi meqjus bhala manteniment adekwat kif ukoll illi d-Divorzju ppronunzjat bejn persuni mizzewgin li kienu separati b’ Sentenza ma jgib ebda bidla f’ dak ordnat jew miftiehem bejniethom, hlief ghall-effetti tad-Divorzju li johorgu mil-Ligi.

“7. Illi dana jfisser anke a bazi ta’ decizjonijiet ta’ dina l-istess Qorti (vide Sentenza in parte *Carmel sive Carmelo Bartolo -vs- Mary Anne Bartolo* moghtija ricentement minn din il-Qorti diversament ippreseduta) illi gialadarba r-Rikorrenti / Attrici njorat ghal kollox l-obbligi taghha u l-ordnijiet lilha moghtija minn din il-Qorti diversament ippreseduta fis-Sentenza ta’ l-24 ta’ Frar, 2010, hija ma tista’ qatt tinghata x-xoljiment taz-zwieg taghha permezz tal-procedura tad-Divorzju il ghaliex kif osservat ben tajjeb din il-Qorti diversament ippreseduta fis-Sentenza in parte *Carmel sive Carmelo Bartolo -vs- Mary Anne Bartolo,* ghad illi din mhijiex xi kawza li tittratta dwar kreditu u debiti, imma l-obbligi naxxenti minn Sentenza tal-Qorti iridu jigu l-ewwel u qabel kollox onorati altrimenti nkunu qeghdin nistultifikaw u nirredikolaw il-ligijiet taghna partikolarment dawk li jinkwadraw l-ghoti tad-divorzju, billi wiehed jkun opportunist kif inhija r-Rikorrenti / Attrici odjerna u tistenna certu zmien jghaddi biex minghalija s-Sentenza ta’ l-24 ta’ Frar, 2010 ma tfisser xejn minkejja diversi twissijiet illi ntbghatu lilha u gew notifikati lilha permezz ta’ Atti Gudizzjarji.

“8. Illi din il-wisq Onorabbli Qorti qed issirilha referenza wkoll ghall-Artiklu 66B sub-artiklu 2 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jaghmilha cara li jekk f’ dan il-kaz ir-Rikorrenti / Attrici ma tkunx hallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-Qorti fis-Sentenza ta’ l-24 ta’ Frar, 2010, id-dokument B esebit mill-istess Rikorrenti / Attrici, u li kemm il-darba t-talba ghad-divorzju tintlaqa’, tkun aktar difficli f’ dan il-kaz ghall-Intimat / Konvenut illi jikseb il-hlas tal-manteniment, il-Qorti m’ ghandhiex tilqa’ t-talba ghad-divorzju kemm il darba xi wahda minn dawn l-eccezzjonijiet jigu murija li huma tajba: dan facilment jista’ jigi ppruvat fil-mori tal-kawza bix-xhieda ta’ l-istess Intimat / Konvenut w anke ta’ l-istess omm ir-Rikorrenti / Attrici Mary Debattista: Id Number 778750M.

“9. Ghandha ssir referenza wkoll ghas-sub-artiklu 5 ta’ l-Artiklu 66D tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta billi minkejja s-Sentenza ta’ l-24 ta’ Frar, 2010, li ma gietx appellata, il-Komunjoni ta’ l-Akkwisti, ghadha ma gietx likwidata bil-mod ordnat fis-Sentenza tal-Qorti u ghaldaqstant taht l-ebda raguni m’ ghandha r-Rikorrenti / Attrici tintlaqa’ t-talba taghha ghal hall ta’ dan iz-zwieg ma’ l-Intimat / Konvenut permezz tal-procedura tad-Divorzju.

"10. Illi ghal kull buon fin issir referenza ghall-Artiklu 66B tal-Kodici Civili u dana peress illi kif din il-Qorti tara mis-Sentenza mehmuza mill-istess Rikorrenti / Attrici, kienet l-istess Rikorrenti / Attrici unikament responsabbli ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg bil-hajja adultera, immorali taghha, abbandun tad-dar matrimonjali, abbandun ta' l-istess zewg uliedha li lilhom qatt ma vversat farka ta' millezmu jew ewro centezmu bhala manteniment imma mit-22 ta' Dicembru tas-sena 1998, jigifieri ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena u nofs, ghajr ghall-ahhar sentejn meta t-tifla marret tghix ma' ommha, kien dejjem l-Intimat / Konvenut b' sagrificcju kbir bhala sewwieq tax-Xarabank ha hsieb li jiehu hsieb l-interessi taz-zewg uliedu, u maz-zewg uliedu l-istess genituri tar-Rikorrenti / Attrici li flimkien ma' tifla ohra li ghandhom illum mizzewga (u li naturalment tigi oht iz-zghira tar-Rikorrenti / Attrici) marru jghixu fid-Dar Matrimonjali ta' l-Intimat / Konvenut biex jaghtuh is-support taghhom ghal din it-tragedja li laqtitu: u ghaldaqstant m' hemm ebda gustifikazzjoni legali ghala r-Rikorrenti / Attrici mhux biss sfidat l-istituzzjoni taz-zwieg, mhux biss sfidat snin fil-procedura tal-kawza tas-separazzjoni li kif tista' tivverifika din il-Qorti mis-sena 1999 inqatghet fl-24 ta' Frar, tas-sena 2010 imma anke l-istess Rikorrenti / Attrici bl-iktar agir arroganti u sfidanti njorat l-ordnijiet fis-Sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta kif ghadu kif gie mfisser.

"11. Illi l-Intimat / Konvenut bil-gurament tieghu qed jiddikjara li huwa falz il-kontenut tad-dokument C ta' l-Affidavit ta' Sonia Ciappara meta xi hadd nizzel "f' dan il-Kuntratt hemm provvediment xieraq dwar il-manteniment, kura u kustodja tal-minuri", u dana tnizzel biex din il-Qorti kif ippreseduta tigi zvijjata li filfatt Sonia Ciappara sive Sonia Ciappara Debattista m'onoratx xejn il-kontenut tas-Sentenza ta' l-24 ta' Frar, 2010 u ghalhekk m'ghandhiex tinghata taht l-ebda cirkustanzi id-Divorzju.

"12. Illi fic-cirkustanzi izda mhux limitatament ghal, isiru referenzi ghal ittra ufficjali mibghuta nhar it-Tnejn, 5 ta' Dicembru, 2011, fejn ir-Rikorrenti / Attrici ngibdet l-attenzjoni taghha l-ammonti dovuti minnha oltre l-imghaxxijiet u l-ispejjez dovuti lill-Intimat / Konvenut John Mary Ciappara sive Jesmond Ciappara: Id Number 38369M; ghal Ittra Interpellatorja datata l-Gimgha, 26 ta' Novembru, 2010 fejn ukoll ingibdet l-attenzjoni tar-Rikorrenti / Attrici dwar spejjez dovuti minnha lill-Intimat / Konvenut; kif ukoll Atti Gudizzjarji ohra biex ir-Rikorrenti / Attrici jingibed l-attenzjoni taghha dwar l-obbligi taghha li tonora s-Sentenza ta' l-24 ta' Frar, 2010, izda hija dejjem deliberatament baqghet inadempjenti u meta wiegbet, dejjem twiegeb b' ton sfidanti, arroganti w ironiku.

"13. Illi ssir referenza perezempju ghal ittra ufficjali li ntbghatet nhar it-Tnejn, 3 ta' Dicembru, 2012 u fejn l-Intimat / Konvenut indika lir-Rikorrenti / Attrici odjerna l-obbligi taghha a bazi tas-Sentenza ta' l-24 ta' Frar, 2010 li ma kienu gew onorati xejn jigifieri din l-Ittra Ufficjali ntbghatet sentejn u ghaxar

xhur wara li nghatat is-Sentenza u fejn xorta r-Rikorrenti / Attrici odjerna ma kienet bl-ebda mod onorat l-obbligi taghha.

"14. Illi ntbghatu diversi Ittri Interpellatorji rregistrati specjali (bil-kartoncina r-roza) u gew intavolati diversi Ittri Gudizzjarji fejn ir-Rikorrenti / Attrici giet interpellata biex tikkonformi ruhha mal-kontenut tas-Sentenza ta' l-24 ta' Frar 2010, imma kollox safa inutilment: tant hu hekk li ma baqghalu ebda triq ohra l-Intimat / Konvenut ghajr illi jirrikorri ghal proceduri tas-Subbasta biex proprju tigi enforzata s-Sentenza ta' l-24 ta' Frar, 2010. Ghalhekk taht l-ebda cirkustanzi skond il-gustizzja li ghandha tkun trasparenti biex tidher li qeghda ssir m'ghandhom jintlaqghu t-talbiet ta' l-Attrici f' din il-Kawza odjerna.

"15. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat il-verbali tal-kawza fosthom l-affidavits u deposizzjonijiet tal-partijiet u tax xhieda;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Familja moghtija fid-29 ta' April 2014 li permezz taghha laqghet it-talbiet tal-attrici u ippronunzjat il-hall taz-zwieg li hemm bejn il-partijiet celebrat fit-8 ta Settembru 1992 u ordnat lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrati fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artiklu 66A tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-intimat li permezz tieghu huwa talab illi l-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu u tichad it-talba tal-appellata bl-ispejjez kontra taghha;

Rat ir-risposta tal-attrici appellata li permezz taghha issottomettiet illi l-appell kellu jigi michud u s-sentenza konfermata;

Illi l-Ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod;

"Illi l-qorti ghandha quddiemha talba ghal pronunzja ta' divorzju da parti tar-rikorrenti.

"Illi permezz tar-rikors promotur taghha, r-rikorrenti tiddikjara li l-partijiet izzewgu nhar it-8 ta' Settembru 1992 u frott ta' dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied u cioe' Brendon Lee u Shanice li llum huma maggorenni. Illi tiddikjara wkoll li hi u l-intimat isseparaw legalment permezz ta' sentenza datata l-24 ta' Frar 2010[1] b'dan li ssostni li l-partijiet ilhom separati *de facto* sa' mis-sena 1998 u li m'hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom. Tghid li s-sentenza ta' separazzjoni personali taghhom taghti provvedimenti xierqa u opportuni dwar il-manteniment.

"Illi permezz tar-risposta tieghu, l-intimat joggezzjona ghat-talba tar-rikorrenti u jeccepixxi numru ta' eccezzjonijiet ta' natura legali kif ukoll eccezzjonijiet fil-mertu, principalment abbazi ta' allegazzjoni ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment da parti tar-rikorrenti rigward l-ulied (hlief ghall-ahhar snin meta l-bint marret tghix mar-rikorrenti).

"**Dwar l-Eccezzjoni ta' nullita' abbazi tal-Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**

"L-intimat jikkontendi li r-rikors promotur li fuqu hija msejsa l-kawza odjerna huwa null u bla effett fil-ligi *stante* li ma jirrispettax dak citat fis-sub-artikoli (c) u (d) tal-Artikolu imsemmi. Ghal finijiet ta' kjarezza, l-Artikolu 156 (c) u (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jsegwu hekk:

[1] Ara l-kopja tas-sentenza msemmija esebita a fol 3 tal-process

“***Ir-rikors guramentat ghandu jitlesta mill-attur u ghandu jkun fih –***

***(c) it-talba jew it-talbiet ghandhom ikunu enumerati; u***

***(d) f’kull rikors guramentat ghandu jkun hemm stampat b’ittri cari u precizi taht l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li gej:***

***“Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-Risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) ġurnata mid-data tan-notifika, ċioe’ minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix preżentata r-Risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skond il-liġi. Għalhekk huwa fl-interess ta’ min jirċievi dan ir-Rikors maħluf li jkellem Avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma x’għandu xi jgħid fil-kawża***”.

“Illi ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat qed jibbaza l-eccezzjoni tieghu fuq in-nuqqas li t-talbiet jew it-talba mhux enumerata u li fir-rikors m’hemmx tali twissija taht l-intestatura tal-Qorti.

“Illi l-qorti tirrileva li r-rikors promotur li ta bidu ghall-proceduri odjerni huwa rikors semplici b’dan li m’huwiex rikors guramentat. Huwa minnu li t-talba m’hijiex numerata u li t-twissija msemmija m’hijiex imnizzla. Pero’ dak li trid tara u tiddeciedi l-qorti m’huwiex jekk it-talba hijiex numerata jew jekk hemmx tali twissija (*stante* li dan huwa ovvja li huma mankanti) izda jekk fi kwistjonijiet ta’ divorzju, l-ligi tesigix li r-rikors promotur ikun fil-fatt rikors guramentat (u li konsegwentement ikunu applikabbli d-dettami tal-Artikolu 156 tal-Kap. 12 imsemmi aktar ‘il fuq) jew jekk il-ligi tridx li proceduri ta’ divorzju jigu intavolati permezz ta’ rikors semplici pprezentat quddiem il-Qorti. Jigi rilevat li l-ligi ma tesigix li t-talba ghall-hall taz-zwieg jew divorzju ssir permezz ta’ rikors guramentat u naturalment il-principju *ubi lex volut dixit* huwa applikabbli. Gialadarba l-ligi ma tesigix li jkun hemm necessarjament rikors guramentat allura jirrizulta li r-rekwiziti msemmija fl-Artikolu 156 tal-Kap. 12 m’humiex applikabbli ghal semplici rikors li permezz tieghu wiehed jista’ jitlob il-hall taz-zwieg kif wara kollox ghamlet l-istess rikorrenti. Tenut kont ta’ dan, il-qorti thoss li ghandha tghaddi sabiex tiddiskuti l-eccezzjonijiet rimanenti.

"**<u>Dwar l-eccezzjoni relatata man-nuqqas da parti tar-rikorrenti li tonora l-obbligi taghha naxxenti mis-sentenza ta' din il-Qorti hekk kif diversament preseduta fl-ismijiet inversi u datata l-24 ta' Frar 2010</u>**.

"L-intimat jargumenta li r-rikorrenti intavolat ir-rikors odjern, fiz-zmien li gie intavolat, bi skop u dan ghaliex skond hu, r-rikorrenti stenniet li l-wild taghhom taghlaq l-eta' ta' 18 –il sena jew tkun kwazi ghalqet tali eta'. Il-qorti tirrileva li l-ligi ma timponix terminu fi zmien meta wiehed jew wahda jista' jitlob il-hall taz-zwieg. Huwa necessarju li jkun hemm it-trapass ta' erba' snin pero' l-fatt li jkunu ghaddew aktar snin minn mindu l-partijiet isseparaw, dan ma jfissirx li l-qorti tista' tichad it-talba tar-rikorrenti sempliciment ghax iddecidiet li tintavola r-rikors taghha fi zmien partikolari. Dak li trid tara l-qorti huwa jekk ir-rikweziti tal-ligi gew sodisfatti ghal dikjarazzjoni ta' hall taz-zwieg jew le.

"L-intimat imbaghad idur biex jghid li r-rikorrenti ma onoratx l-obbligi naxxenti mis-sentenza msemmija aktar 'il fuq ghal dak li jirrigwarda manteniment tal-ulied (ad eccezzjoni tal-ahhar sentejn meta l-wild Shanice marret tghix mar-rikorrenti). Jigi rilevat li skond l-istess sentenza, il-qorti hekk kif diversament preseduta dahlet fid-dettal dwar il-manteniment tal-ulied, kemm ghal dak li jirrigwarda arretrati ta' manteniment kif ukoll manteniment futur. Il-qorti, wara li ghamlet il-kalkoli matematici taghha, waslet ghall-konkluzjoni li bhala ekwiparazzjoni, l-intimat kellu jibqa' jghix fid-dar gia matrimonjali proprjeta' esklussiva tal-istess rikorrenti ghal perjodu ta' tmien snin li jibdew jiddekorru mid-data tal-istess sentenza u dan ad eskluzjoni taghha. L-intimat jiccita sentenza ta' hall taz-zwieg bejn **Carmel sive Carmelo Bartolo vs Mary Anne Bartolo** deciza nhar it-30 ta' April 2013 fejn din il-qorti hekk kif diversament preseduta tat sentenza parzjali fuq il-kwistjoni ta' obbligu ta' hlas ta' manteniment naxxenti minn kuntratt pubbliku. Bl-akbar rispett jigi rilevat li tali sentenza m'ghandha ebda rilevanza ghax-xenarju u c-cirkustanzi tal-kawza odjerna *stante* li permezz tas-sentenza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, ir-rikorrenti ma giet ordnata thallas ebda somma ta' manteniment fix-xahar, anzi dan gie likwidat b'dan li saret ekwiparazzjoni bejn il-partijiet. Dan necessarjament ifisser li r-rikorrenti ma kellha ebda obbligu skond l-istess sentenza li thallas xi forma ta' manteniment u konsegwentement, l-oggezzjoni ghat-talba ta' divorzju abbazi ta' nuqqas ta' hlas ta' manteniment ghall-ulied ma tistax tregi.

"Illi jigi rilevat ukoll li jidher li l-kontestazzjoni tal-intimat ghal dikjarazzjoni ta' hall taz-zwieg hija bbazata wkoll mal-manteniment ta' wiehed mill-ulied li

huwa maggorenni u li ghadu qed jistudja l-MCAST. Ghalhekk, il-qorti ser tghaddi sabiex tiddiskuti l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'referenza specifika ghal subartikolu (c) li jelenka r-rekwiziti ghall-ottjeniment ta' divorzju u cioe', il-qorti trid tkun sodisfatta li:

*(a)* "***Fid-data li jibdew il-proceduri ta' divorzju, il-mizzewgin ikunu ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin minnufih precedenti, jew ikunu ghaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

*(b)* ***Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u***

*(c)* ***Il-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkustanzi partikolari taghhom, kif hemm mahsub fl-Artikolu 57..'***

"Kif inghad aktar 'il fuq, huwa l-artikolu 66B(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa l-punt krucjali tat-talba odjerna u cioe' jekk il-manteniment allegatament dovut lill-intimat u li hu relattiv ghal wiehed mill-ulied li issa sar maggorenni huwiex ta' impediment ghal dikjarazzjoni ta' divorzju jew le.

"Naturalment, sabiex il-qorti tasal ghall-konkluzjoni taghha, trid necessarjament tirreferi ghal Artikolu 57 tal-Kap. 16 li jsegwi hekk:

"***Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jigu fdati l-ulied minuri tal-mizzewgin, il-mizzewgin jibqghu fil-jedd li jaraw li kollox qieghed isir sewwa ghal dak li huwa manteniment u edukazzjoni u jibqghu obbligati li johorgu s-sehem li jmisshom ghall-manteniment u l-edukazzjoni skond il-ligi***"

"Illi jidher car li l-Artikolu hawn citat huwa applikabbli ghal ulied li huma minuri u dan minghajr ebda ombra ta' dubju. Ghalhekk, gialadarba l-Artikolu 57 tal-Kap. 16 li jissemma fl-Artikolu 66B(c) tal-istess Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa applikabbli ghal minuri, huwa fl-isfond ta' manteniment mhux imhallas fil-konfront ta' minuri li r-rekwizit (c) tal-Artikolu 66B ma jkunx sodisfatt. F'dan l-istadju ssir referenza ghar-rikors ta' divorzju fl-ismijiet **Micallef Raymond vs Micallef Rita** (Referenza 385/2011NC) deciz nhar il-31 ta' Mejju 2012 fejn l-istess Qorti sostniet l-inapplikabbilita' tal-artikolu

66B(c) fejn hemm manteniment mhux imhallas ghal ulied li huma maggorenni. Dan ghaliex l-istess wild li llum huwa maggorenni ghandu d-dritt *ex lege* li jitlob manteniment minghand il-genituri tieghu fuq il-bazi tal-Artikolu 3B(2)(a) taht il-kondizzjonijiet hemm indikati. Dan qieghed jinghad ghall-finijiet ta' kompletezza *stante* li fil-kawza ta' separazzjoni l-manteniment tal-ulied anke futur kien kontemplat.

"*Di piu'* jinghad li xejn m'ghandu rilevanza l-fatt li l-intimat mantna u ha hsieb lill-ulied wara li sfaxxa z-zwieg ta' bejn il-partijiet u lanqas ma ghandu ebda rilevanza ta' min giet attribwita r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg ghaliex dawn il-proceduri huma diversi minn dawk ta' separazzjoni. Ghal kull buon fini, l-qorti tirrileva wkoll li l-ittri interpellatorju mibghuta lir-rikorrenti kwantu ghall-ispejjez relattivi mal-kawza tas-separazzjoni u t-taxxa relattiva ghall-istess, dawn m'ghandhom ebda rilevanza ghall-kawza odjerna u konsegwentement il-qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

"Il-qorti, ghal kull buon fini, tirrileva li l-eccezzjoni fejn l-intimat jesigi li ghandha tigi prezentata vera kopja tas-sentenza ta' separazzjoni bejn il-partijiet giet sorvolata stante li kopja legali tal-istess sentenza giet esebita a fol 98 tal-process.

"Illi kwantu ghar-rekwizit tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili li jesigi li l-partijiet iridu jkunu ilhom separati (anke de facto) ghal perjodu ta' 4 snin, ssir referenza ghall-verbal tal-5 ta' Gunju 2013 fejn il-partijiet qablu l ilhom separati *de facto* ghal aktar minn 4 snin u li m'hemm ebda possibilita'ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom.

"Illi l-qorti tirrileva li minn dak suespost u mill-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-intimat, l-ebda eccezzjoni ma jisthoqqilha li tigi milqugha, anke ghaliex m'hemm ebda raguni valida li tista' b'xi mod timpedixxi lil din il-qorti milli tilqa' t-talba attrici. Huwa minnu li per ezempju l-wild iben il-partijiet jaghti x-xiehda tieghu pero' mbaghad mistoqsi jekk jafx li s-sentenza ta' separazzjoni personali bejnu u bejn ommu tikkonsidra anke manteniment futur tal-istess ulied, ix-xhud jiddikjara li ma kienx jaf. Ix-xiehda tal-istess wild ftit li xejn ghandha piz ghaliex wara kollox, l-obbligi *o meno* tal-manteniment kellu johrog mis-sentenza ta' separazzjoni personali tal-istess partijiet msemmija aktar 'il fuq. Gialadarba l-kwistjoni ta' manteniment hija sorvolata permezz tas-sentenza nnifisha u gialadarba l-partijiet jaqblu li ghaddew 4 snin minn mindu nfirdu *de facto* u li m'hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni

bejniethom, allura l-qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tichad it-talba attrici.

"Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna li din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku mir-Registratur tal-Qorti fi zmien xahar millum sabiex jirregistra dan l-istess divorzju skont il-ligi. Spejjez kontra l-intimat."

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' April 2015 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkonsidrat:

**AGGRAVJI TAL-INTIMAT**

Illi ghalkemm l-appellanti indikat *sitt aggravji* huwa car li dawn fil-verita` huma tlieta ossija dak rigwardanti l-eccezzoni tan-nullita` tar-rikors, dak relatat mal-hlas tal-manteniment u finalment dwar l-ispejjez tal-proceduri. Dan minhabba l-fatt li t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames aggravji huma serje ta' argumenti li jwasslu ghall-aggravju l-aktar importanti ossija dak tal-hlas o meno tal-manteniment.

**L-ewwel aggravju** huwa li skont l-appellant, l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta cahdet l-eccezzjoni tieghu dwar in nullita` tar-rikors promotur; huwa kien eccepixxa in-nullita` ghaliex skont hu, ir-rikors kellu jkun guramentat u anke t-talbiet kellhom ikunu enumerati.  Dan ghaliex dejjem skont hu, ir-rikors kellu jkun skont id-dettami tal-Artikolu 156 (c) u (d) tal-Kodici tal-Procedura.

Din il-Qorti ma jidrilhiex li ghandha tissofferma fit-tul dwar dan l-aggravju ghaliex huwa evidenti li l-ligi relattiva ma tispecifikax li r-rikors ghandu jkun guramentat u lanqas li ghandu jkollu r-rekwiziti mitluba fl-Artikolu 156.  Infatti l-Artikolu 66 (3) tal-Kodici Civili jghid biss li

> "3) It-talbiet kollha għad-divorzju, għandhom jinġiebu quddiem is-sezzjoni xierqa tal-qorti ċivili kif jiġi stabbilit b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall- ġustizzja, u d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 37 japplikaw mutatis mutandis.  Id-digrieti u s-sentenzi tad-divorzju jingħataw fil-qorti fil-miftuħ."

L-Artikolu 37 isemmi biss li l-procedura hemm indikata ssir permezz ta' rikors u huwa ghalhekk evidenti li ma hemmx ghalfejn dan ikun guramentat u wkoll li l-Artikolu 156 tal-Kap. 12 ma japplikax ghall-procedura li permezz taghha ssir it-talba ghal divorzju – '*ubi voluit lex dixit*'; din il-Qorti taqbel ukoll mal-appellata li fir-risposta taghha qalet li huwa car li l-legislatur ried li l-procedura ghat-talba tad-divorzju tkun kemm jista' jkun hielsa minn formalitajiet zejda – dejjem naturalment fil-parametri imposti mil-ligi stess.  Dan l-aggravju allura huwa manifestament infondat.

It-tieni aggravju msemmi fl-aggravji gia` msemmija – u certament l-aktar wiehed krucjali – tal-appellanti huwa fis-sens li l-ewwel Qorti kienet zbaljata li rriteniet li ma kienx minnu li l-appellata ma onoratx l-obbligi taghha naxxenti mis-sentenza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet. Fi ftit kliem huwa jallega li hija ma hallsitx il-manteniment ghall-ulied, dak in-nhar minuri, tal-partijiet, ordnat mill-Qorti f’dik is-sentenza. Il-Qorti innotat ukoll li fit-trattazzjoni tieghu l-abbli difensur tal-appellant ikkoncentra tista’ tghid fuq dan l-aggravju biss.

Dan l-artikolu relattiv jghid:

> **“66B.*** *Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta’ dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b’talba ta’ żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta’ waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*
>
> *“(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba’ snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*
>
> *“(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*
>
> *“(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*“Iżda l-miżżewġin jistgħu f’kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta’ manteniment:*

*“Iżda wkoll għall-fini ta’ dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b’sentenza ta’ separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f’kuntratt ta’ separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*“Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b’kuntratt jew b’sentenza ma jġib ebda bidla f’dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.”*

Ghandu jinghad ghall kjarezza li l-artiklu 57 jirreferi ghall manteniment ghall minuri u jghid hekk:

““**57. (*1*)** *Tkun min tkun il-persuna li f’idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għallmanteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi*.

Dan jallaccja ukoll mal-artiklu **66(D) (2)** illi jghid:

“*Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b’kuntratt jew b’sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista’ tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ. Il-parti l-oħra tista’ tikkontesta din it-talba jew billi tipprova illi dak iż-żmien maħsub fl-artikolu 66B(a) m’għaddiex, jew billi tipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa’, tkun aktar diffiċili għall-istess parti l-oħra illi tikseb il-ħlas tal-manteniment. Il-qorti m’għandhiex tilqa’ t-talba għad-divorzju kemm-il darba xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jiġu murija li huma tajba.*”

Jidher car allura li l-punt ta' kontestazzjoni principali bejn il-partijiet huwa jekk l-appellant irceviex *il-manteniment adegwat* biex il-Qorti taccedi ghat-talba tar-rikorrenti appellata. Naturalment il-ligi ma tghidx x'inhu manteniment adegwat izda biss li dak li jkun gie stabbilit permezz ta' sentenza tal-Qorti jew ta' kuntratt pubbliku ta' separazzjoni konsenswali ghandu jitqies bhala adegwat (**Francis Cassar v. Rosina Cassar** deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu 2014).

F'dan il-kaz, l-ammont ta' manteniment li l-appellata kellha thallas gie deciz fis-sentenza ta' separazzjoni tal-24 ta' Frar 2010. F'dik is-sentenza il-Qorti stabbliet ir-rata ta' €233 fix-xahar bhala manteniment ghal ulied il-partijiet u illikwidatu fl-ammont ta' €30,981 jew Lm13,300. Dan ghamlitu ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1999 u l-31 ta' Jannar 2010 u huwa evidenti illi meta giet biex taqsam il-komunjoni tal-akkwisti l-istess Qorti inkludiet dan l-ammont bhala dovut lill-appellant. B'dan l-ammont inkluz, il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni korretta li kien baqa' "*diskrepanza ta' €16,772 favur l-attur liema diskrepanza l-Qorti qed tekwipara billi .. tawtorizza lill-attur biex flimkien mat-tfal tal-partijiet jibqa' jirrisjedi fid-dar konjugali .. ad eskluzjoni tal-konvenuta ghall-perjodu ta' tmien snin*..". Ghalhekk hija korretta l-appellata meta tghid fir-risposta taghha ghall-appell, li dan ifisser li l-qorti ghamlet cert b'din id-disposizzjoni tas-sentenza li hija tmantni lil uliedha biex bis-sahha tal-istess

sentenza l-istess uliedha u l-appellant jghixu fid-dar konjugali ghal tmien snin ohra mid-data tas-sentenza u allura r-rekwizit imsemmi tal-Artikolu 66 biex jigi dikjarat id-divorzju gie sodisfatt. Ghandu jinghad ukoll li anke jekk wiehed jaccetta li l-manteniment ghal iben il-partijiet, illi skont l-appellant ghadu jistudja, ghandu jibqa' sakemm huwa jaghlaq it-23 sena, fil-prattika dan se jkun ifisser li l-istess iben il-partijiet se jkun baqa' jghix fil-fond imsemmi ben oltre din l-eta` u allura l-appellata se tkun qed tikkontribwixxi ghall-manteniment tieghu b'dan il-mod. Dan l-aggravju allura ukoll huwa infondat.

L-ahhar aggravju jirrigwardja l-ispejjez li fl-ewwel istanza gew akkollati lill-appellant.

Din il-Qorti thoss li f'dan l-aspett l-appellant ghandu jinghata ragun. Ma kien hemm ebda raguni valida biex l-appellant kellu jigi akkolat bl-ispejjez tal-procedura; id-divorzju ma kienx qed jitolbu hu u anzi mis-sentenza ta' separazzjoni jidher evidenti li t-tort ghas-separazzjoni gie attribwit totalment lill-appellata. Anke jekk il-kwistjoni ta' min kellu tort fis-separazzjoni ma ghandhiex wisq rilevanza 'per se' fit-talba ghad-divorzju – anzi ma ghandha rilevanza xejn fir-rigward jekk id-divorzju jigix akkordat jew le – din il-Qorti jidhrilha li jekk ikun car bhal ma huwa f'dan il-kaz, li xi parti kellha t-tort esklussiv ghas-separazzjoni li gia` tkun giet deciza bejn il-partijiet, dik il-parti ghandha ghall-inqas tbati l-ispejjez anke tad-divorzju konsegwenzjali.

Ghalhekk il-Qorti se tilqa’ dan l-aggravju u tordna li l-ispejjez tal-ewwel istanza ghandha tbatihom l-appellata. Madankollu kwantu ghall-ispejjez tal-appell il-Qorti se timxi bil-qies tal-Artikolu 223 ( 1) tal-Kap. 12 illi jghid *li l-Qorti ghandha tikkundanna l-parti telliefa biex thallas l-ispejjez tal-kawza*; u ghalhekk se tordna li l-ispejjez relattivi jithallsu skont ir-rebh u t-telf tal-istess appell.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell fir-rigward tal-mertu billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata b’dan illi t-terminu ta’ xahar biex jigi registrat id-divorzju jibdew jiddekorru mil-lum; fir-rigward tal-ispejjez tal-ewwel istanza pero` tordna li dawn jithallsu mir-rikorrenti appellata stess.

L-ispejjez tal-appell ghandhom jithallsu kwantu ghal zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-appellant u terz ($^{1}/_{3}$) mill-appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------